# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 468/2018 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**DR**

**vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DR, datat 19 ta' Ottubru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-minuri ZR twieled nhar it-22 t'Ottubru tas-sena 2011, minn ommu WG u missieru MLR, u dan skont ic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni Y tas-sena 2011, anness u mmarkat bhala DOK A.*

2. *Illi l-esponenti infurmata li l-minuri ZR kellu bzonn assistenza medika immedjatament mat-twelid rizultat ta' tehid ta' droga minn ommu WG waqt il-perjodu tat-tqala.*

3. *Illi WG u MLR ghandhom wild iehor flimkien u cioe' l-minuri KKR. L-esponenti hija infurmata li l-minuri KK tabita flimkien mas-Sorijiet ta' Sisters of Charity of St. Jeanne Antide ta' Hal Tarxien.*

4. *Illi l-minuri ZR ilu jabita mal-esponenti u bintha KR b'mod permanenti sa*

*mis-sena 2013.*

5. *Illi mis-sena 2011 sas-sena 2013 il-minuri ghex ghal xi zmien flimkien mal-esponenti u bintha izda mhux b'mod permanenti. Illi f'dan il-perjodu il-minuri kien jintbaght ghand il-esponenti u bintha kull meta kien ikun hemm xi dizgwid jew problem ohra bejn ommu WG u missieru MLR. Illi meta l-minuri kellu hmistax-il gurnata, huwa kien diga qatta'xi jiem mal-esponenti minhabba l-problemi ta' ommu u missieru, filwaqt li meta l-minuri kellu madwar tlett xhur huwa kien qatta' madwar sitt xhur jabita flimkien mal-esponenti u bintha.*

6. *Illi fis-sena 2013 intemmet ir-relazzjoni bejn ommu WG u missieru MLR, u l-minuri Z intbaghat jabita flimkien mal-esponenti u bintha KR b'mod permanenti.*

7. *Illi l-esponenti hija separata legalment minn MLR, filwaqt li KR hija bint l-esponenti u l-istess MLR.*

8. *Illi lura fis-snin 2012, 2013 u 2014 l-Agenzija Appogg kienet infurmata illi l-minuri Z kien qed jirrisjedi flimkien mal-esponenti, u ufficjali tal-istess Agenzija ghamlu xi spezzjonijiet fir-residenza tal-esponenti.*

9. *Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Lulju tas-sena 2014, hawn annessa u mmarkarta bhala DOK B, is-Sinjura Marielou Gatt, Social Worker mis-sezzjoni Looked After Children, tal-Agenzija Appogg infurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali illi l-minuri Z kien qed jirrisjedi flimkien mal-esponenti, u tablet lill-istess dipartiment sabiex kwalunkwe beneficcju socjali ghandu jinhareg f'isem il-esponenti.*

10. *Illi l-omm WG abbandunat lill-minuri Z, u l-unika komunikazzjoni fl-ahhar hames snin kienet biss zjara ta' madwar tlett snin ilu.*

11. *Illi l-missier MLR gieli ghamel kuntatt mhux kontinwu mal-minuri Z. Hafna minn dawn iz-zjarat jkun meta MLR jkun fis-sakra, u mhux l-ewwel darba li ghamel xenati quddiem ir-residenza tal-esponenti. Illi fl-ahhar tlett xhur il-*

*missier ikkomunika mal-minuri Z darba biss.*

12. *Illi minkejja illi matul l-ahhar snin il-missier MLR qatta diversi snin u xhur gewwa l-Habs ta' Kordin, matul l-ahhar xhur huwa kien jinsab liberu u qatt ma wera interess illi jkun involut fil-hajja tal-minuri Z.*

13. *Illi l-minuri Z huwa konxju illi MLR huwa missieru, madanakollu huwa mhux konxju illi l-esponenti m'hijiex l-omm naturali tieghu.*

14. *Illi matul l-ahhar snin l-esponenti rabbiet u habbet lill-minuri Z daqs li kieku kien il-wild naturali taghha, flimkien ma bintha u ohtu KR.*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li WG detentrici tal-karta tal-identita U u MLR detentur tal-karta V jigu mnehhija mill-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genituri, ai termini ta' l-Artikolu 154(1)(b) u (e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, takkorda tutela tal-minuri Z lill-esponenti ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess supreme tal-minuri Z, u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' WG, datata 11 ta' Dicembru 2018, a fol 9 et seqq., li taqra hekk:

*ILLI l-esponenti giet notifikata bir-rikors promotur ricentament u qedha tintavola din ir-risposta a tenur tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 22 t'Ottubru, 2018;*

*ILLI l-esponenti tispjega li fic-cirkostanzi prevalenti personali taghha ta' snin ilu, hija ma kienitx f'sitwazzjoni li tiehu hsieb lil-binha ZR li kien twieled minn relazzjoni ma' MLR, liema relazzjoni ma tkomplitx;*

*ILLI l-esponenti tispjega ukoll li dak iz-zmien, imn'alla kienet ir-rikorrenti DR [li tigi l-ex mara tal-imsemmi MLR] li hadet hsieb it-trobbija tal-minuri binha ZR b'ghozza flimkien ma' bint DR, KR li hija 'half sister' ta' Z, l-esponenti tixtieq turi l-apprezzament taghha lejn ir-rikorrenti ta' dan l-ghan nobbli;*

*ILLI m'hemmx oggezzjoni da parti tal-esponenti li r-rikorrenti DR tinghata t-tutela tal-minuri ZR u dan fl-interess suprem tal-imsemmi minuri kif huwa mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha;*

*ILLI l-esponenti, qua l-omm il-minuri binha Z tispjega u dan ghal korrettezza u b'lejalta' lejn din l-Onorabbli Qorti:*

*[a] li kuntrarjament ghal dak imsemmi fir-rikors promotur, u cioe' li l-minuri ZR "mhux konxju illi l-esponenti m'hijiex l-omm naturali tieghu", l-esponenti taf bhala fatt li l-isemmi minuri sal-lum ma jafx li hija ommu tant li biex titlaqa' mieghu, kienet introdotta mieghu bhala 'l-coach tal-football', haga li twegga' ferm lill-esponenti aktar u aktar meta hija konxja ukoll li l-minuri Z jghajjat lil DR bhala 'il-mama';*

*[b] li ukoll kuntrarjament ghal dak imsemmi fir-rikors promotur, l-esponenti ltaqghet mal-minuri diversi drabi qua 'l-coach tal-football' u mhux bhala ommu, u mhux kif intqal, li "l-unika kommunikazzjoni fl-ahhar hames snin kienet biss zjara ta' madwar tlett snin ilu";*

*ILLI noncio' li ghaddiet minn diversi snin ta' diffikultajiet kbar f'hajjietha, b'sagrificcju personali, l-esponenti irnexxiela tohrog mid-dipendenza tad-droga, qedgha 'clean' u qedgha tibni hajjietha mill-gdid, u tixtieq li fil-futur terga' tigbor maghha lill-uliedha, ossia lill-binha, Z, lill-bintha K flimkien mal-familja prezenti taghha.*

*GHALDAQSTANT, in vista' ta' dak premess, l-esponenti tissottometti li hija m'ghandhix oggezzjoni li r-rikorrenti DR tinghata t-tutela tal-minuri ZR minn din l-Onorabbli Qorti u dan fl-interess suprem tal-imsemmi minuri b'rizerva li qua omm il-minuri Z, hija tkun tista' eventwalment izommu maghha bhala omm fi hdan il-familja taghha.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-avukati difensuri ma kellhomx trattazzjoni ulterju x'jaghmlu;

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti, DR,** xehdet permezz t'affidavit a fol 12 *et seqq* illi hija legalment isseparata minn MLR, u illi miz-zwieg taghhom kienet twieldet KR, li llum il-gurnata hija maggorenni u tirrisjedi maghha. Qalet illi l-istess R kellu wild iehor, Z, flimkien ma' WG. Spjegat illi l-ewwel darba li kienet zammet lil Z maghha kien meta kien ghadu tarbija ta' hmistax – il gurnata, filwaqt li meta kellu tlett xhur, kien ghamel xi sitt xhur joqghod maghha u ma' bintha K. Qalet bejn is-sena 2011 u s-sena 2013 Z kien ghex maghha u ma' bintha ghal diversi perjodi, peress li l-genituri tieghu kienu jibaghtuh ghandha meta jkollhom xi argument, u li f'dan il-perjodu kienu jmorru l-ufficjali tal-Appogg sabiex jaghmlu spezzjoni. Ziedet inoltre li meta twieled Z kellu bzonn assistenza medika peress illi ommu kienet tabbuza mid-droga.

Xehdet illi fl-2013 kienet giet informata illi r-relazzjoni ta' bejn il-genituri ta' Z kienet spiccat, u Z kien intbaghat joqghod maghha b'mod permanenti, kif filfatt ghadu joqghod. Spjegat illi ommu ma turix interess fih, tant illi f'dawn is-snin kollu, ghamlet access ma' binha darba biss, ghal temp ta' siegha, filwaqt illi qatt ma ccempel jew tmur biex tistaqsi dwaru. Xehdet illi minn naha tieghu, missieru juri interess verament sporadiku f'ibnu, u beda jikkomunika maghhom dwaru biss wara li rcieva karti mill-Qorti rigward dawn il-proceduri. Spjegat illi l-minuri jaf illi K hija ohtu, u illi R huwa missieru, izda ghadu ma jafx li hi m'hijiex l-omm biologika tieghu, u filfatt jghajjtilha mama. Ziedet illi Z jaf ukoll li ghandu ohtu ohra, K, li hija bint G u R wkoll, li toqghod mas-sorijiet ta' Sister of Charity of St. Jeanne Antide f'Hal Tarxien, u li K tmur taraha b'mod regolari, u li inoltre xi drabi johorguha flimkien ma' Z. Qalet illi matul dawn is-snin kollha hija rabbiet lil Z daqs li kieku kien binha, minghajr ma rcievet xi kumpens finanzjarju, izda sempliciment ghall-imhabba li ghandha lejn Z.

**KR,** bint ir-rikorrenti, xehdet permezz t'affidavit a fol 14 *et seqq*, u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**WG** xehdet a fol 17 u kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-risposta taghha a fol 9, u cioe illi hija m'ghandiex oggezzjoni li r-rikorrenti tinghata t-tutela tal-minuri Z, illi hija ltaqghat mal-minuri diversi drabi, izda giet introddota bhala 'l-*coach tal-football'* u illi hija qed tibni hajjitha mill-gdid ghaliex fil-futur tixtieq terga tigbor lil uliedha flimkien mal-familja prezenti taghha.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija talba maghmula mir-rikorrenti sabiex jigu mnehhija l-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genituri ta' MLR u WG fir-rigward ta' binhom minuri ZR, u sabiex il-Qorti takkorda lir-rikorrenti t-tutela tal-istess minuri ZR, ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti taghraf illi l-isitut legali tat-tutela huwa rregolat mis-Sub Titolu II tat-Titolu V tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. Il-Qorti taghraf ukoll illi l-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hija wahda limitata, ai termini tal-Avviz Legali numru 9 tal-2004. Skont l-Artikolu 4 tal-istess Avviz Legali, dawk il-partijiet tal-Kodici Civili li jaqghu taht il-kompetenza ta' din il-Qorti huma t-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. Ghalhekk, huwa car illi kwistjonijiet rigwardanti t-tutela ta' minuri ma jaqawx taht il-komptenza ta' din il-Qorti. Kif jidher mill-Artikolu 5 ta' dan l-Avviz Legali, hija l-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Guridizzjoni Volontarja) li hija kompetenti sabiex tiddeciedi talbiet maghmula taht it-Titolu V, u cioe kwistjonijiet rigwardanti t-tutela tal-minuri.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara illi m'ghandhiex kompetenza sabiex tiddetermina t-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**